MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1584/1997/1

**Jacqueline Casha**

**vs**

**Anthony Casha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta' Lulju 1997 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti dahlu f'cerimonja matrimonjali fit-23 ta' Mejju 1992 fil-Knisja ta' San Gejtanu, Hamrun;

Illi in effetti, l-kunsens tal-kontendenti jew wiehed minnhom kien vizzjat fis-sens li kien hemm koerzjoni morali qawwija li l-konvenut kellu jizzewweg bilfors;

Illi l-kunsens kien ukoll vizzjat peress illi l-konvenut qatt ma ried tfal;

Illi l-konvenut kien immatur hafna u ma kienx kapaci jaccetta l-obbligi naxxenti miz-zwieg;

Illi jidher ukoll li z-zwieg hu null peress illi l-konvenut qatt ma nghata *ad esclusionem* li ma jkollux relazzjonijiet ohra u jidher li dejjem kellu dan il-hsieb,

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti tat-23 ta' Mejju 1992 fil-Knisja ta' San Gejtanu, Hamrun hu null u bla effett.
Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-9 ta' Dicembru 1998 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel mat-talba attrici sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara z-zwieg bejn il-kontendenti null u bla effett u dan a bazi tal-fatt illi l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat, minhabba koerzjoni morali qawwija da parti tal-genituri taghha;

2. Illi l-konvenut qieghed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti f'dak illi jirrigwarda l-applikazzjoni tal-ligi ghal dawn il-fatti;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol. 12 sa 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel V. Arrigo tad-9 ta’ Frar 1999 fejn giet nominata Dr. Veronica Galea Debono bhala Perit Legali; tat-28 ta’ Gunju 1999; tas-17 ta’ Jannar 2000; u tad-29 ta’ Mejju 2000;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 19 ta’ Gunju 2000 fejn permezz taghha esebiet zewg affidavits, wiehed taghha stess u l-iehor ta’ Maurice Azzopardi;

Rat in-nota tal-konvenut datata 26 ta’ Gunju 2000 fejn permezz taghha ddikjara li jrid jaghmel kontro-ezami ta’ l-attrici u ta’ Maurice Azzopardi;

Rat il-verbal tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta’ Novembru 2000; tat-2 ta’ Mejju 2001; u tat-13 ta’ Novembru 2001;

Rat l-avviz ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta’ Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal ta’ l-20 ta’ Gunju 2002 fejn inghata digriet ta’ l-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ tletin (30) jum kull wiehed;

Rat in-nota tal-konvenut datata 24 ta’ Lulju 2002 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Jannar 2003; tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn gie dikjarat li l-provi nghalqu;

Rat is-seduti mizmuma mill-Perit Legali fejn jirrizulta li fis-seduti tat-22 ta’ April 2000, 26 ta’ Novembru 2001, u 12 ta’ Lulju 2002 ma sar xejn u fis-seduta tat-12 ta’ Gunju 2000 xehdet Mariella Blackman u fit-18 ta’ Novmbru 2002 xehdet l-attrici in kontro-ezami;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2003; tat-8 ta’ April 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali pprezentat fit-8 ta’ April 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2003; u tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici xehdet permezz ta' affidavit taghha mmarkat u esebit bhala Dok. “A1“. Hija xehdet ukoll in kontro-ezami. L-attrici pproduciet wkoll bhala xhieda taghha lil Mariella Blackman li xehdet *viva voce*, kif ukoll pprezentat affidavit ta’ missierha Maurice Azzopardi (Dok. “B“) li wara xehed ukoll in kontro-ezami. Il-konvenut xehed permezz ta’ affidavit tieghu markat u esebit bhala Dok. “AC1“. Huwa xehed ukoll in kontroezami.
Illi meta xehdet Mariella Blackman waqt seduta li saret hija qalet testwalment hekk:-

*“Fl-1995 il-partijiet f’din il-kawza kienu gew ghandi fil-privat sabiex jiehdu l-pariri fuq iz-zwieg taghhom minghandi bhala `family therapist’ (psychologist). Anzi nghid illi l-attrici kienet irreferiet il-kaz ghandi l-ewwel darba u jiena bghatt ghall-konvenut. Is-sessions li ghamilt mal-partijiet kienu separati fis-sens illi kont nisma l-partijiet individwalment.*

*Il-konvenut kien gie darba biss ghandi izda s-session li ghamilna flimkien kienet twila u tghodd ghal tnejn jew tlieta waqt li l-attrici kienet ghamlet xi ghaxar sessions tigi ghandi.*

*Jacqueline Casha kienet giet tarani minhabba li kellhom il-problemi fiz-zwieg, u hi kienet giet ghal ‘reconciliation*

*purposes'. Hi kienet qaltli li kienet lesta li taghmel kollox biex dan iz-zwieg jirranga ruhu, u anke li tiskuza ruhha fuq affarijiet li setghet ghamlet jew ma ghamlitx. Ghall-ewwel li bdiet tigi ghandi kienet fi stat ta' paniku w kellha bzonn diversi sessions sabiex tikkalma. Il-panic taghha gie mill-fatt illi hi qatt ma basret li z-zwieg taghha kien fi stat ta' krizi, w kienet taht xokk ghaliex il-konvenut ried jissepara.*

*Wara li ghamilt xi erba sessions maghha jiena bghatt ghall-konvenut halli nara l-punto di vista tieghu. Il-partijiet ma qablu xejn mal-punto di vista ta' xulxin, u kellhom versjoni kompletament separata minn xulxin.*

*Minn naha ta' l-attrici, hi qalet li l-kawza tal-breakdown taz-zwieg kienet li r-ragel taghha kellu relazzjoni ohra ma' mara ohra li jisimha Marika, w li minhabba f'hekk iz-zwieg taghha beda jisfaxxa fix-xejn. Minn naha tal-konvenut, hu qalli li dak li gieghlu jikseb separazzjoni kien l-immaturita' tal-mara tieghu w l-mod kif kienet tagixxi, w anke l-indhil tal-familja taghha. Kien semma wkoll li l-mara kellha karattru aggressiv.*

*L-attrici sostniet ukoll illi din ir-relazzjoni ma mara ohra li kellu l-konvenut kienet wahda li kellu wkoll qabel iz-zwieg.*

*Il-konvenut qalli li l-agir ta' l-attrici kien intollerabbli ghalih ghaliex kienet tghajjat u jhossha qed tiddominah. Kienet immatura fis-sens illi kienet trid li l-affarijiet imorru kif tixtieq hi. Ghalhekk hu kien jevitah, u dan kien jaghmel hekk billi jdum hafna x-xoghol halli ma jiltaqax maghha. F'dan l-istadju jiena kont tajt parir li jistenna ftit qabel ma jiehu decizjoni, izda hu kien deciz li jiehu separazzjoni minnufieh. Fiz-zmien li kien qieghed isir il-counselling, l-attrici kienet tqila.*

*Jiena kont ikkonkludejt illi ghalkemm huwa veru li l-agir ta' l-attrici waqt iz-zwieg setgha tellef mill-armonija ta' bejn il-koppja, minn-naha tieghu qatt ma deher li kellu entuzjazmu partikolari ghaz-zwieg tieghu ma l-attrici, w jiena kkonkludejt illi psikologikament ma kienx ippreparat ghall-obbligi taz-zwieg. Dan qed nghidu minhabba illi l-agir tieghu b'mod partikolari, li kien jevita li jiltaqgha ma*

*martu billi jdum hinijiet twal ghax-xoghol, u kien anke ammetta li kellu hbiberija ma din Marika.*

*L-attrici kienet qaltli li r-ragel taghha, kull darba li kienet tghidlu li xtaqet li johorgu flimkien wahedhom, kien jinsisti li johorgu pero` flimkien ma' din Marika w r-ragel taghha.*

*Il-partijiet kienu damu disa' snin johorgu flimkien u donnu li f'dawn id-disa' snin l-entuzjazmu sabiex jizzewwgu u jitgharsu kien dejjem da parti ta' l-attrici. Jiena hadt l-impressjoni mill-konvenut waqt li kien qed ikellimmni, illi l-eghrusija kienet wahda ta' konvenjenza minn naha tieghu. Kien juri nuqqas ta' entuzjazmu u nuqqas ta' emozzjoni in generali. L-attrici mill-banda l-ohra kienet fi stat ta' depression meta giet tkellimmni u kienet turi li kienet tiddependi fuqu.*

*L-agir tal-konvenut ma kienx wiehed ta' ragel mizzewweg. Ghandi nghid illi pero' l-karattru ta' l-attrici kien wiehed immatur. Jiena hassejt pero meta ghamilt inkontru mieghu, illi l-konvenut ma kienx lest li jassumi r-responsabbiltajiet li jgib mieghu z-zwieg, u specjalment dawk ta' fedelta' w fiducja.*

*Rigward tfal, naf illi l-attrici kienet entuzjasta sew sabiex ikollha tfal, izda l-konvenut ma kienx wera ebda interess jew entuzjazmu fuq dan is-suggett. L-attrici kienet kwazi ossessjonata bl-ideja li jkollha tfal. Fil-fatt kienet tiddiskuti dan ma' din Marika li kienet tghidilha li ma xtaqitx izjed tfal, u li llum, skond l-attrici, ghandha zewgt itfal mill-konvenut. L-attrici kienet qaltli li l-konvenut kien jibza' sew minn missieru u li forsi kien ghalhekk illi baqa biex izzewweg lilha, sabiex ma jiksirhiex ma missieru. Pero` dan il-fatt qatt ma ddiskutejtu mal-konvenut."*

Meta xehedet in kontro ezami, l-**attrici** qalet testwalment hekk:- *"L-eghrusija taghna damet hafna minhabba ragunijiet ta' finanzi. Jiena kelli biss hmistax (15) il-sena meta ltqajt mal-konvenut. Jekk kont izjed matura dak iz-zmien kont nidhol izjed fil-profond dwar ir-relazzjoni taghna kif ukoll iz-zwieg, izda t-tnejn konna immaturi*

*hafna. Il-konvenut kien l-ewwel gharus tieghi. Jien ukoll kont l-ewwel tfajla tal-konvenut.*

*Ahna t-tnejn konna qeghdin inlestu d-dar u mexjin f'dik id-direzzjoni. Pero' kont jiena li kont insemmi zwieg u jiena li ffissajt gurnata. Meta ghidtlu b'dan, il-konvenut ma tantx deher deciz, pero` ma qadtx nidhol f'kwistjonijiet, u meta rajtu li qisu kien accetta li nizzewgu u lanqas beda jaghti kaz, jiena mxejt bil-preparamenti ghaz-zwieg.*

*Jiena, l-konvenut kont ghidtlu li konna ilna hafna gharajjes u ma setghax ikun li nistennew izjed. Jiena tlabt lill-konvenut biex nizzewgu ghax kont inhoss li nhobbu u xtaqt nibni familja mieghu. Il-preparamenti tat-tieg ghamilnihom flimkien. Pero' ma tantx kien ikollna hafna djalogu ta' x'konna ser naghmlu wara z-zwieg. Jiena kont inkellem lill-konvenut u hu kien jibqa kwiet u ma jghid xejn.*

*Missier il-konvenut, illum mejjet Joseph Casha kien ghamel certu pressjoni fuqna sabiex nizzewwgu ghax ried jarana mizzewgin qabel ma jmut.*

*Missier il-konvenut kellu hafna rispett lejja. Kien ihobbni hafna u kien kwazi jiddejalizzani. Jiena naf illi missier il-konvenut kien dixxiplinat hafna mat-tfal tieghu u huma kellhom hafna suggizzjoni minnu.*

*Jiena nhoss li l-konvenut kien izzewweg lili ghaliex kien jaf kemm kien ihobbni missieru u kien jibza' minnu ftit. Il-verita' hi li l-konvenut diga kien ra x'gara lill-huh meta missieru keccieh `l barra mid-dar wara li telaq lit-tfajla tieghu. Il-konvenut inhoss li kien jibza li jigrilu l-istess haga jekk jitlaqni.*

*Fil-fatt, meta missieru dahal l-isptar ghax kien hazin hafna, w ahna konna mizzewgin, niftakar li dakinhar stess il-konvenut telaqni u ma regax gie lura jghix mieghi. Missier il-konvenut miet l-isptar.*

*Jiena kont ninsisti mal-konvenut sabiex niffissaw data ghaz-zwieg. Meta ffissajna d-data, la qal iva u lanqas le. Jiena nahseb li kont qed nghix f'xi dinja tal-holm, u ma*

*kontx qed nara dak li verament kien qieghed jigri. Kont nuri entuzjazmu fuq dan iz-zwieg izda l-konvenut ma tantx kien juri dan l-entuzjazmu.*

*Il-konvenut kont narah li ma jafx xi jrid. Dawn l-affarijiet kollha wara indunajt bihom ghaliex dak iz-zmien kont qisni qed nghix f'holma fejn ma kontx qed ninduna x'kien qed jigri.*

*Il-hbiberija bejn Anthony u Marika Attard li semmejt fl-affidavit kienet bdiet bejn wiehed w iehor xi sentejn qabel ma zzewwigna. Din il-hbiberija kienet bdiet wara li ffissajna d-data taz-zwieg.*

*Wara li zzewwiggna w anke fil-gurnata tat-tieg, Anthony kien baqa' passiv hafna u specjalment fir-relazzjonijiet sesswali ta' bejnietna. Jiena rajtu li ghalih qisu kienet xi haga ta' bilfors u mhux xi haga ta' l-imhabba.*

*Sesswalment il-passivita' tar-ragel zdiedet ferm wara z-zwieg minn qabel iz-zwieg. Anthony kien jevita li jkollu relazzjoni sesswali mieghi wara z-zwieg. Meta kont ninsisti kien jghidli li kien ghajjien u ma ridx jiddiskuti l-problema.*

*Anthony mill-ewwel gab lil din Marika Attard id-dar taghna wara li zzewwigna. Kienu ghaddew biss xi tlett gimghat meta dahhalha ghandna. Ohti mill-ewwel kienet irrimarkat illi din il-bicca xoghol ma kien joghgobha xejn. Anthony mbaghad kien beda jinsisti li nohorgu maghha u mar-ragel taghha, u ma tantx kont niehu gost. Jiena ma nafx jekk fil-fatt Anthony kellux relazzjoni ma' Marika jew le.*

*Ir-ragel kien jghidli li kien jiddejjaq johrog mieghi wahdi biss. Hu kien jinsisti li nohorgu ma Marika w zewgha u ma ridx johrog ma koppji ohra barra dawn.*

*Ahna tfal qatt ma ddiskutejnihom qabel iz-zwieg. Wara z-zwieg jiena ghal bidu ma kontx naghti kaz li ma kienx ikollna, izda wara ftit bdejt nixtieq li jkolli, u kien jiddispjacini meta ma kontx ninqabad. Ir-ragel ma tantx kien juri xi nteress fit-tfal. Fl-ahhar taz-zwieg kien anke*

*jinsisti li ma jkollniex x'naqsmu flimkien u ma jkollniex tfal. Meta darba nqbadt tqila w wara xi xahar u nofs korrejt, Anthony kien qal il-kliem `Grazzi Mulej talli hadtli t-tarbija'.*

*Hin wahedna qatt ma konna nqattghu. Kien il-hin kollu jahdem, jew fil-garaxx isfel jew ix-xoghol tieghu."*

Meta xehed in kontro ezami x-xhud **Maurice Azzopardi** qal testwalment hekk:-

*"Anthony Casha gieli kien jigi d-dar ghandi biex jara lil Jacqueline, li tigi binti. Ghall-ewwel jiena kont ta' l-ideja li l-partijiet kienu jaqblu izda kif beda jghaddi z-zmien bdejt nara certi nuqqasijiet, fis-sens illi fejn kien ikun hafna kumplimentuz, dawn kien naqqashom hafna. Anthony Casha kien juri certu bruda versu l-ideja taz-zwieg. Jien kont nisma' lil binti u lil Anthony jitkellmu dwar iz-zwieg u kont ninduna li kien hemm izjed entuzjazmu ghaz-zwieg da parti ta' binti milli minn naha ta' Anthony. Jidhirli li kien hemm izjed sforz da parti ta' missier il-konvenut li kien jinbuttah ghaz-zwieg ghax ried jara lil ibnu mizzewweg qabel ma jmut.*

*Nirreferi ghall-affidavit tieghi u nikkoregi lili nniffsi meta ghidt illi l-inkwiet bejniethom beda 'ftit' granet wara z-zwieg, u nghid illi fil-fatt dan kien wara ftit xhur u mhux ftit granet."*

Illi meta xehed in kontro-ezami, l-**konvenut** qal testwalment hekk:- *"Nispjega illi meta semmejt illi Jacqueline kienet tinsisti fuq il-gurnata tat-tieg, fl-affidavit tieghi, din kienet turi din l-insistenza bil-kliem fis-sens illi kienet trid tiffissa d-data, u tant hu hekk illi kienet iddecidiet id-data, u jiena ghamilt dak li riedet. Jiena persuna li ma tantx inhobb immeri. Jiena kont izjed mohhi li nlesti l-post milli niehu sehem fil-preparamenti tat-tieg.*

*Jiena nghid illi meta zzewwigt jiena ma kontx konxju ta' dak li kont diehel ghalih. Anke fil-Knisja kont qisni ma nafx x'qed naghmel, u f'dak il-mument meta kont qed naghti l-kunsens tieghi kont qed niddubita jekk kontx qed naghmel sew, jew le.*

*Tant hu hekk illi niftakar illi meta dhalna gewwa biex niffirmaw, waqt ic-cerimonja taz-zwieg, ir-Registratur taz-zwigijiet kien hares lejja u qalli "Jekk m'intix cert ta' dak li qed taghmel, mur nhar it-Tnejn u nehhi kollox u thallix gurnata ohra tghaddi. Jien ma nafx jekk kienx qed jiccajta jew le.*

*Rigward it-tfal jiena ddecidejt li ma ridthomx mill-bidu taz-zwieg. Dan ghaliex kelli pizijiet fuq id-dar, u kont qed nahdem ghal dawn. Jiena bzajt inzid mal-piz li kelli. Meta Jacqueline harget tqila dan gara mhux ghax kien pjanat jew ghax jien xtaqt it-tfal. Kien pjuttost zball minn naha tieghi. Meta mbaghad Jacqueline korriet jiena kien iddispjacini ghal Jacqueline u ghal dak li kien gralha, izda kont konfuz ghaliex tfal bqajt ma ridthomx. Jien minn dan kollu ma ghidt xejn lil Jacqueline ghax kont inzomm kollox f'qalbi. Fuq tfal qatt ma tkellimmna qabel iz-zwieg. Nghid pero` illi anke qabel iz-zwieg ma kontx interessat li jkolli t-tfal u dan principalment minhabba l-piz li kelli fuq il-post. Minn dan kollu ma ghidt xejn lil Jacqueline."*

**(B). PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata minnha, l-attrici qed titlob li z-zwieg li gie celebrat bejnha u bejn il-konvenut jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-kontendenti jew wiehed minnhom kien vizzjat fis-sens li kien hemm koerzjoni morali qawwija li l-konvenut kellu jizzewweg bilfors; u peress illi l-kunsens kien ukoll vizzjat peress illi l-konvenut qatt ma ried tfal; u peress illi l-konvenut kien immatur hafna u ma kienx kapaci jaccetta l-obbligi naxxenti miz-zwieg; u peress illi l-kunsens tal-konvenut qatt ma nghata *ad esclusionem* li ma jkollux relazzjonijiet ohra u jidher li dejjem kellu dan il-hsieb.

Illi ghalhekk l-attrici qed titlob illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikoli 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikoli 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

*19 (1) 'B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.*
*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett artikoli separatment, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi f'sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar 1988 fl-ismijiet **"Lorenza sive Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe"**, din il-Qorti qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe`, l-**artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid ikun ta' certu gravita', pero`, jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tant tkun gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta' tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk impost fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li huwa relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru ta' l-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi"**, (Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza fit-18 ta' Marzu 1988), gie sostnut li *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also*

*to the character and condition of the person subjected to the fear."*

Illi pero`, kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn***, u **Brown R.** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar ghandu jittiehed bhala test deciziv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **'Mary Lourdes Spiteri vs Christian sive Cristino Spiteri',** P.A. (FD) moghtija fis-6 ta' Lulju 1993, fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi incident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu."*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (FD) deciza fit-12 ta' Marzu 1992), il-biza' giet definita bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium."*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (FD) deciza fis-16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."*

Illi l-istess inghad fil-kawza **'Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo'** (P.A. (FD) deciza fit-28 ta' Gunju 1994), fejn inghad illi:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tlett elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitiaha jrid*

*ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."*

Illi l-attrici ssemmi wkoll bazi ohra ghaliex qed titlob li z-zwieg taghha ghandu jigi ddikjarat bhala null. Dan huwa a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li fuqha hija bbazata wkoll l-azzjoni attrici u dan jipprovdi li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita` ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja. Ghalhekk mhux bizzejjed li tkun taf x'inhu z-zwieg, izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet w obbligi li ggib maghha hajja mizzewwga.
Illi mill-gurisprudenza kostanti jidher car li l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe` li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-

zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…..richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e’ di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.”* (**Forum 1990.** Vol. I, part 1, pg. 72).

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju fil-ligi civili ivarja xi ftit mill-kuncett kif espost fid-dritt kanoniku ghaliex mentri d-dritt kanoniku jirrikjedi xi forma ta’ difett psikologiku serju, fid-dritt civili dan m’huwiex il-kaz.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta’ Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt f’din id-decizjoni gie kkwotat il-***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita’ di giudizio e la maturita’ affettiva……La maturita’ di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita’ affettiva comporta generalmente quella*

*adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. …..Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*." (**Il Diritto Canonico Matrimoniale –** ***Bersini*** - Torino 1994).

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, l-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe`, dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni intima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma' taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif indikat fid-decizjoni fuq citata, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi ***G. Veness,*** kif kwotat minn ***N. Picard*** **f''L-immaturite' et le consentement matrimonial'** (pagni 54 – 55), jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the*

*couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali (*colorem habens, substantiam vero nullam*) kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram*) tal-kunsens.

Illi kif gie spjegat minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"Alfred Tonna vs Maria Tonna"**, 31 ta' Jannar 1996, u fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"**, 14 ta'Awissu 1995, *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."*

Kif gie insenjat fid-decizjonijiet fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et"**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Ottubru 1884, Vol. X p. 912 *"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cjoe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero.'"*

Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero` bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewwga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, cjoe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi l-attrici wkoll ibbazat l-azzjoni taghha fuq l-**artikolu 19 (1) (f)** fejn trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax xi wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni u fit-tieni ipotezi hemm l-istremi ta' l-annullament.

Illi ghar-rigward tas-simulazzjoni totali, fil-kaz **'Bonnici vs Bonnici'** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta' Lulju 1982) inghad illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Geech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988) gie ritenut li jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-idejat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-*zwieg,* hi forma ta' simulazzjoni totali. Mbaghad fil-kaz **"Galea vs Walsh"** (Prim' Awla 30 ta' Marzu 1995), is-simulazzjoni giet definita bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata."* Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 ta' Awwissu 1995) is-simulazzjoni totali giet imfissra li tikkonsiti:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi mill-banda l-ohra, meta nigu ghas-simulazzjoni parzjali, u cjoe` ghall-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-

prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **“Grech vs Grech”** (Prim' Awla – 9 ta’ Ottubru 1990), u **“Aquilina vs Aquilina”** (Prim' Awla 30 ta’ Jannar 1991).

Illi l-kommunjoni tal-hajja konjugali u cjoe`, il-*Consortium Vitae* tikkomprendi zewg elementi u cjoe` l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **“Magri vs Magri”** (P.A. – N.A, deciza fl-14 ta’ Lulju 1994):-

*“Jekk din il-Consortium Vitae’ hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-Consortium Vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja.”*

Illi l-kuncett ta’ l-indissolubilta’ taz-zwieg jikkomprendi u jimplika li l-kunsens irid ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta’ u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *iuris tantum* dan l-element ta’ indissolubbilta’ fiz-zwieg.

Illi fil-fatt ***J. Edwards Hudson*** (*op. cit* p164-165), jispejga car li:-

*“Indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contracts with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power.”*

Illi aktar minn hekk, ***D.J. Burns***, fil-kummentarju tieghu ***(D.J. Burns,*** **“Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary”** p.151) jghid li:-

*“It is not necessary that this intention (ie li teskludi l-indissolubilta’) was formulated as an express agreement,*

*it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

**(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li bl-ebda mod ma gie ppruvat sufficjentement skond il-ligi illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat f'dan is-sens u dan ghar-ragunijiet ukoll hawn indikati.

Illi jidher li missier il-konvenut u l-attrici kellhom relazzjoni tajba flimkien w li missier il-konvenut kien ihobbha u jgibilha rispett, pero` dan fih innifsu ma jfissirx illi l-konvenut izzewweg lill-attrici minhabba xi biza` morali li kellu da parti ta' missieru li gieghlu jizzewweg.

Illi l-attrici stess fl-affidavit taghha tghid illi missier Anthony, jigifieri Joseph Casha, illum mejjet, kien jghidilha bosta drabi u jheggigha sabiex jizzewgu ghaliex skond huwa kienu ilhom zmien twil gharajjes u ghalhekk kien wasal iz-zmien illi huma jizzewgu, imma madankollu Anthony xorta wahda ma kienx jidher li jaghti kaz hafna l-kliem ta' missieru u kien jidher komdu fl-eghrusija u qatt ma deher li kellu xi hegga jew entuzjazmu illi jiehu l-pass taz-zwieg. Missier l-attrici wkoll waqt il-kontro ezami li saritlu, jsemmi fil-qosor hafna, l-fatt illi missier il-konvenut kien jixtieq jara lill-koppja mizzewwga qabel ma jmut, u kien jimbutta l-konvenut biex jizzewweg.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici ma ssemmi xejn aktar fuq ir-relazzjoni tal-konvenut ma' missieru, w huwa biss meta sarilha l-kontro-ezami li xehdet hekk:- *"Missier il-konvenut, illum mejjet Joseph Casha kien ghamel certu pressjoni fuqna sabiex nizzewwgu ghax ried jarana mizzewgin qabel ma jmut. Missier il-konvenut kellu hafna rispett lejja. Kien ihobbni hafna u kien kwazi jiddejalizzani. Jiena naf illi missier il-konvenut kien dixxiplinat hafna mat-tfal tieghu u huma kellhom hafna suggizzjoni minnu. Jiena nhoss li l-konvenut kien izzewweg lili ghaliex kien jaf kemm kien ihobbni missieru u kien jibza minnu ftit. Il-*

*verita' hi li l-konvenut diga` kien ra x'gara lil huh meta missieru keccieh 'l barra mid-dar wara li telaq lit-tfajla tieghu. Il-konvenut inhoss li kien jibza li jigrilu l-istess haga jekk jitlaqni. Fil-fatt, meta missieru dahal l-isptar ghax kien hazin hafna, w ahna konna mizzewgin, niftakar li dakinhar stess il-konvenut telaqni u ma regax gie lura jghix mieghi. Missier il-konvenut miet l-isptar."*

Illi apparti l-fatt li l-Qorti thoss illi hemm xi diskrepanzi bejn dak li qalet l-attrici fl-affidavit taghha w dak li qalet meta xehdet in kontro-ezami, l-Qorti hija tal-fehma li allavolja jista' jkun li missier il-konvenut kien juri x-xewqa tieghu li jara l-partijiet mizzewwgin, u forsi kien anke jghidilhom ta' spiss li xtaq jarahom mizzewwgin, jew jimbutthom fid-direzzjoni taz-zwieg, dan bl-ebda mod ma jwassal ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien qieghed taht xi pressjoni esagerata gejja minn naha ta' missieru sabiex jizzewweg, jew kellu xi biza' kif fuq deskritta, li geghelitu jidhol ghal dan iz-zwieg.

Illi ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma illi ghar-raguniiet li ghadhom kif gew kkunsidrati, z-zwieg bejn il-partijiet ma jistax jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (a)**. B'hekk din il-Qorti qed taqbel mal-konkluzjonijiet tal-perit legali f'dan ir-rigward.

Illi tenut kont ta' dan kollu, u tal-provi migbura quddiemha, l-Qorti ser tezamina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet ghandux jigi dikjarat null u bla effett a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi l-partijiet damu gharajjes xi disa` snin, u meta zzewwgu l-attrici kellha erbgha u ghoxrin (24) sena waqt li l-konvenut kellu sebgha u ghoxrin (27) sena. Wara li zzewwgu, huma damu jghixu flimkien bhala mizzewgin biss ghal madwar sena w nofs sakemm il-konvenut telaq mid-dar u mar jghix ghand ommu.

Illi kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut jiddeskrivu l-eghrusija taghhom b'mod simili. It-tnejn li huma qatt ma kellhom xi gharus jew gharusa qabel, u qatt ma kellhom xi

esperjenza ta' relazzjoni ohra qabel ma dahlu fir-relazzjoni ta' bejniethom.

Illi li hu zgur huwa li fi stadju waqt ir-relazzjoni taghhom, l-attrici bdiet tippersisti mal-konvenut li xtaqet tizzewweg, u dan principalment minhabba l-fatt li kienu ilhom gharajjes u hi xtaqet li jiehdu l-pass li kien jmiss.  L-attrici stess tammetti li kienet hi li kienet issemmi l-kwistjoni ta' zwieg u kienet theggeg il-konvenut sabiex jizzewwgu.  Din l-ideja qatt ma kienet gejja minghand il-konvenut, u anzi l-konvenut kien jiehu attitudni passiva hafna versu din l-ideja taz-zwieg.  Huwa f'disa' snin ta' eghrusija qatt ma kien isemmi xejn dwar zwieg la ma' l-attrici u lanqas mal-membri tal-familja.

Illi fl-ahhar ghalhekk kienet l-attrici li qabdet u ffissat id-data taz-zwieg u bdiet taghmel il-preparamenti.  L-attrici tispjega li ghamlet hekk ghaliex ma rieditx tistenna izjed u x'hin bdiet tinduna li l-affarijiet baqghu sejrin kif kienu, u cjoe`, li l-konvenut qatt ma jsemmi z-zwieg, iddecidiet li tiehu l-affarijiet f'idejha w taghmel il-pjanijiet ghaz-zwieg. Hi tghid li xtaqet familja bhal haddiehor.  Waqt il-kontro-ezami li sarilha l-attrici qalet fi kliemha stess:-

*"'Meta ghidtlu b'dan (li kienet iffissat id-data tat-tieg), il-konvenut ma tantx deher deciz, pero` ma qadtx nidhol f'kwistjonijiet, u meta rajtu qisu kien accetta li nizzewwgu u lanqas beda jaghti kaz, jiena mxejt bil-preparamenti ghaz-zwieg."*

Illi mbaghad l-attrici tkompli tixhed hekk:-

*"Jiena kont ninsisti mal-konvenut sabiex niffissaw data ghaz-zwieg.  Meta iffissajna d-data la qal iva u lanqas le. Jiena nahseb li kont qed nghix f'xi dinja tal-holm, u ma kontx qed nara dak li verament kien qed jigri.  Kont nuri entuzjazmu fuq dan iz-zwieg izda l-konvenut ma tantx kien juri dan l-entuzjazmu.  Il-konvenut kont narah li ma jafx x'irid.  Dawn l-affarijiet kollha wara indunajt bihom ghliex dak iz-zmien kont qisni qed nghix f'holma fejn ma kontx qed ninduna x'kien qed jigri."*

Illi hi tispjega kif il-konvenut ftit li xejn kienu jinteressawh il-preparamenti tat-tieg u kienet pjuttost l-attrici li kienet tiehu hsieb kollox. Mhux talli hekk imma anke wara li d-data taz-zwieg giet iffissata, l-konvenut allavolja kien jaraha entuzjasta hafna, xorta wahda ma baqax jaghti kaz u baqa' passiv ghall-ahhar lejn l-ideja ta' zwieg.

Illi l-attrici tispjega wkoll illi wara li ffissat id-data tat-tieg, hija kienet kienet mitlufa f'dan il-preparamenti waqt li l-konvenut baqa ma jaghti kaz xejn. Skond l-attrici stess, huma mxew lejn iz-zwieg biss bl-insistenza kontinwa w persistenti taghha.

Illi wara z-zwieg mbaghad, xejn ma tbiddel fl-attitudni tal-konvenut, anzi pjuttost li l-affarijiet marru ghall-aghar. Huwa beda jibred minn ma' l-attrici izjed u anke r-relazzjonijiet sesswali kwazi spiccaw fix-xejn. Kienet tkun l-attrici dejjem li tipprova tersaq lejn il-konvenut f'dan is-sens. Barra minn hekk, il-konvenut kien juri nuqqas ta' nteress kbir fil-hajja ta' bejniethom bhala mizzewgin. Fi kliemha stess hija xehedet hekk:-

*"Wara li zzewwigna u anke fil-gurnata tat-tieg Anthony kien baqa' passiv hafna u specjalment fir-relazzjonijiet sesswali ta' bejnietna. Jiena rajtu li ghalih qisu kienet xi haga ta' bilfors u mhux xi haga ta' mhabba."*

Illi f'dan l-istadju skond l-attrici, l-konvenut beda izjed u izjed irabbi kunfidenza ma' mara ohra li jisimha Marika Attard, li maghha kellu hbiberija qabel iz-zwieg. Huwa kien jinsisti li ma johorgux wahedhom izda dejjem fil-kumpanija ta' din Marika w r-ragel taghha. Sahansitra kien anke beda negozju mar-ragel ta' Marika li mbaghad spicca negozju bejnu w din Marika stess. L-attrici tispjega li qatt ma kienet tiehu gost bil-prezenza ta' din Marika w bil-hbiberija li r-ragel taghha kellu maghha.

Illi f'xi zmien imbaghad, l-attrici tispjega li l-konvenut tilef l-interess kompletament fiz-zwieg taghhom, u kienu jiggieldu 'l hin kollu, sakemm fl-ahhar qabad u telaq mid-dar matrimonajli w mar jghix ghand ommu.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkonferma li l-ideja taz-zwieg ma tantx kienet tinteressah meta kien gharus, izda sforz ta' l-insistenza kontinwa ta' l-attrici li bilfors riedet tizzewweg, huwa spicca biex accetta dan. Fi kliemu stess, il-konvenut jghid:-

*"Niftakar li ghal madwar 1987 l-attrici kienet insistit mieghi li napplikaw ghal plot tal-Gvern sabiex nibnu dar. L-attrici kienet bdiet ukoll tinsisti mieghi sabiex nizzewwgu. Jiena dejjem mohni sabiex inlesti l-post u ghalhekk kont nghidilha sabiex l-ewwel inlestu l-post imbaghad nizzewwgu….Jiena nghid li kont biered lejn l-ideja li nizzewweg u qatt ma kont nitkellem fuq zwieg la ma' l-attrici u lanqas ma' nies ohra….Hi kienet tinsisti li nizzewwgu u ssaqsini dwar iz-zwieg qisu darba kull gimghatejn. Jiena dejjem kont naghti l-istess risposta. Darba minnhom hija giet fuqi tghidli sabiex niffissaw data ghaz-zwieg u jiena sabiex nikkuntentaha mort maghha naraw is-sala tat-tieg."*

Illi l-konvenut ikompli biex jispjega fi kliemu dan li gej:-

*"Jiena gejt f'pozizzjoni li ghidt 'iva' minghajr ma ridt u dan ghaliex ma ridtx niddizappuntaha. Nghid li kieku mhux ghal insistenza ta' Jacqueline jiena qatt ma kont nizzewweg. Kont inhossni komdu bhala gharus biss."*

Illi l-konvenut jispjega fl-affidavit tieghu li l-insistenza kienet tigi anke mill-ġenituri ta' l-attrici li diversi drabi kienu jsaqsu meta kienu ser jizzewwgu. Huwa jiddeskrivi wkoll il-karattru tieghu bhala wiehed li jzomm kollox ghalih innifsu, riservat u ta' ftit kliem. Jispjega li t-tip ta' karattru tieghu huwa wiehed pjuttost *submissive* fis-sens li *"jekk tghidli sabiex noqghod go rokna, naccetta w noqghod."*

Illi *verbatim* il-konvenut ikompli jghid hekk:-
*"Dak iz-zmien jiena ma kontx naf xi jfisser zwieg u responsabbilita'. Ghalija li tizzewweg kien ifisser biss li tghix ma' mara u mhux li jkollok responsabbilitajiet. Illum li ghandi relazzjoni permanenti naf xi tfisser responsabbilta'."*

Illi huwa jispjega kif ma kien juri l-ebda interess fil-preparament tat-tieg, u ma kienx jaghti kaz ta' dak li kienet qed turih l-attrici. Skond il-konvenut, l-attrici kienet titkellem fuq il-preparamenti tat-tieg li ma kienux jinteressawh, waqt li hu kien ikellimha fuq id-dar. Ghalhekk mill-*punto di vista* ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet ftit li xejn kien hemm.

Illi mbaghad il-konvenut jispjega testwalment li:-

*"Meta waslet il-gurnata taz-zwieg jiena izzewwigt, fis-sens li ghalkemm kont biered lejn l-ideja issa li dhalt ghaliha kelli naghmilha. Ir-riceviment kien wiehed divertevoli hafna; qisni mort tieg ta' xi habib u mhux t-tieg tieghi. Niftakar li hsibt 'Vera li zzewwigt? X'ghamilt b'idejja!'. Kont ghadni dubbjuz anke fl-istess gurnata tat-tieg."* Huwa jzid jghid hekk meta xehed in kontro-ezami:- *"Jiena nghid illi meta zzewwigt jiena ma kontx konxju ta' dak li kont diehel ghalih. Anke fil-knisja kont qisni ma nafx x'qed naghmel, u f'dak il-mument meta kont qed naghti l-kunsens tieghi kont qed niddubita jekk kontx qed naghmel sew, jew le."*
Illi l-konvenut jispjega kif wara z-zwieg l-affarijiet marru ghall-aghar, u l-partijiet bdew jiggieldu ta' spiss, u anke jigu fl-idejn. Huwa jammetti kif ir-relazzjoni sesswali taghhom spiccat fix-xejn, u li skond hu mill-bidu nett kienet wahda pjuttost passiva u bla entuzjazmu da parti tieghu, fejn kellha tkun l-attrici li tavvicinah u tfittxu.

Illi dawn il-fatti kollha pjuttost gew ikkonfermati mix-xhud Mariella Blackman, li bhala *'family therapist' (psychologist)*, kienet ghamlet diversi sessjonijiet titkellem kemm ma' l-attrici kif ukoll il-konvenut separatament, wara li z-zwieg taghhom beda sejjer hazin hafna, w l-partijiet kienu waslu biex jisseparaw. Mill-analizi li ghamlet, ix-xhud waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici kellha karattru immatur u ftit aggressiv, waqt li l-konvenut ma kienx lest li jassumi r-responsabbiltajiet li jgib mieghu z-zwieg.

Illi tenut kont ta' dan kollu, l-Qorti thoss illi l-partijiet bl-ebda mod ma kienu hejjew ruhhom sew ghaz-zwieg, u

lanqas ma kienu fehemu s-sinifikat veru taz-zwieg, u ta' l-obbligi u dmirijiet li jgib mieghu.

Illi minn naha taghha, l-attrici kienet konsapevoli mill-bidu nett li l-konvenut ma kien qieghed juri l-ebda hajra sabiex jizzewweg u anzi pjuttost kien qieghed jaghti s-sinjali kollha ta' xi hadd li assolutament ma riedx jintrabat fiz-zwieg. Madankollu hija qabdet u webbset rasha u mxiet bil-pjan taghha minghajr qatt ma waqfet biex tanalizza s-sitwazzjoni w tinduna ezattament x'kien qed jigri. Ghaliha, milli jidher, dahlet f'rasha li xtaqet tizzewweg *'at all costs'*, ried jew ma riedx il-konvenut, u dan fih innifsu juri immaturita' fondamentali fil-karattru taghha, li jwassal wiehed biex jikkonkludi li ma kenitx fehemet u lanqas kienet minimament konxja ta' dak li kienet diehla ghalih.

Illi minn naha tieghu, l-konvenut kien konxju mill-bidu nett li ma ridx jidhol f'dan iz-zwieg ma' l-attrici. Madankollu, minhabba l-karattru passiv tieghu baqa` diehel ghaz-zwieg *ben sapendo* li ma riedx jaghmel hekk. Anke hawn allura *si tratta* ta' persuna li fl-ebda hin u mument ma kien jaf, jew ghad janalizza ghal x'hiex kien diehel. Huwa car ukoll illi ma kienx fehem is-sinifikat taz-zwieg, u r-responsabbiltajiet li ggib maghha din ir-rabta.

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, u wara li ezaminat ukoll ir-relazzjoni tal-perit legali, taqbel ma' l-istess konkluzjonijiet tal-perit legali u tiddikjara li jirrizulta palezament li z-zewg partijiet wrew immaturita' serja, u meta 'nghaqdu fir-rabta taz-zwieg dan m'ghamluhx b'dik il-maturita' ta' hsieb u karattru li jehtieg iz-zwieg. Ghalhekk mhux talli ma tantx fehmu x'inhu z-zwieg, izda lanqas kellhom dik il-maturita' li kienet tippermettilhom jevalwaw d-drittijiet u obbligi li ggib maghha il-hajja mizzewwga.

Illi ghalhekk mill-provi migbura w ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, w ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null

u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-ahharnett l-attrici fic-citazzjoni minnha pprezentata qed issostni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ghaliex eskluda wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe` d-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied.

Illi mill-provi migbura, jidher li huwa minnu li l-konvenut kellu hbiberija intensa ma' mara ohra li jisimha, Marika Attard. Milli jidher din il-hbiberija bdiet qabel iz-zwieg, meta din il-persuna kienet tmur fil-post tax-xoghol tal-konvenut sabiex issewwi l-karozza taghha. Milli jidher ukoll wara z-zwieg ir-ragel ta' din il-mara w l-konvenut dahlu f'negozju *'part-time'*, izda wara ftit dan in-negozju safa jigi gestit minn Marika Attard u l-konvenut.

Illi apparti dan, il-konvenut kien jinsisti li l-koppja ma johorgux flimkien wahedhom, izda li johorgu dejjem ma' din Marika Attard u r-ragel taghha. L-attrici ma kenitx kuntenta b'din is-sitwazzjoni w kienet turi d-dispjacir taghha ghal dan. Il-konvenut minn naha tieghu kien ikkonvinca l-attrici, almenu qabel iz-zwieg, illi ma kien hemm xejn ghaddej bejnu w Marika Attard.

Illi huwa fatt li din is-sitwazzjoni m'hijiex wahda felici, ghaliex zgur illi jekk kienet biss hbiberija bejn il-konvenut u Marika Attard, zgur li l-konvenut missu ra jew induna li l-attrici kienet qed tkun urtata bis-sitwazzjoni. Apparti dan milli jidher din il-hbiberija bdiet dejjem tizdied kif beda jghaddi z-zmien, u l-kunfidenzi bdew jizdiedu wkoll skond l-attrici.

Illi pero` ghandu jinghad illi mill-provi li ngabru ma hemm xejn li juri li din ma kenitx sempliciment hbiberija regolari bejn il-konvenut u din il-mara. Fil-fatt meta xehdet in kontro -ezami fuq domanda specifika l-attrici qalet testwalment hekk:- *"Jien ma nafx jekk fil-fatt Anthony kellux relazzjoni ma Marika jew le."*
Illi ghalhekk l-Qorti ma tistax tghid fic-cert jekk il-kunsens tal-konvenut kienx vizzjat bl-eskluzjoni ta' dritt essenzjali

ghall-fedelta'. U allavolja din il-hbiberija forsi ma kenitx wahda korretta jew totalment regolari, ma hemm xejn x'jipprova li l-konvenut kien eskluda l-fedelta' meta zzewweg.

Illi mill-banda l-ohra, rigward l-element essenzjali l-iehor, u cjoe` d-dritt ghall-prokrejazzjoni, jidher li hawnhekk l-attrici ghandha ragun li tghid li l-konvenut kien eskluda dan l-element essenzjali tal-hajja matrimonajli meta ta l-kunsens tieghu.

Illi bhala fatt jidher car illi l-konvenut assolutament ma kienx deciz fuq dan iz-zwieg. Meta mbaghad il-partijiet iffissaw id-data tat-tieg tlett snin qabel, huma qatt ma ddiskutew bejniethom dak li xtaqu fiz-zwieg, u lanqas qatt ma ddiskutew il-kwistjoni ta' tfal. Dan il-fatt jammettuh pjenament it-tnejn li huma.

Illi jidher pero` li l-attrici zgur li riedet it-tfal ghaliex wahda mir-ragunijiet ghaliex tant xtaqet tizzewweg kienet li tibni familja. Kull darba li ma kenitx tinqabad tqila kien jiddispjaciha. Kien jiddispjaciha wkoll il-fatt li wara z-zwieg ir-relazzjonijiet sesswali bejn il-koppja kwazi spiccaw fix-xejn u l-attrici kienet taghmel li tista' biex tersaq lejn il-konvenut.

Illi gara pero' li f'xi zmien l-attrici fil-fatt rnexxilha tohrog tqila, izda korriet biss wara xahar u nofs tqala. Ir-reazzjoni tal-konvenut ghal dak li gara kien pjuttost ahrax, meta skond l-attrici qal il-kliem *"Grazzi Mulej talli hadtieli t-tarbija".* Dan il-kumment qatt ma gie negat mill-konvenut fix-xhieda tieghu, u anzi jammetti li din it-tqala ma kenitx pjanata u kienet fi kliemu stess *"pjuttost zball minn naha tieghi."*

Illi fil-fatt, meta xehed in kontro-ezami, l-konvenut qal testwalment hekk kif gej, f'dan ir-rigward:-

*"Rigward it-tfal jiena ddecidejt li ma ridthomx mill-bidu taz-zwieg. Dan ghaliex kelli pizijiet fuq id-dar, u kont qed nahdem ghal dawn. Jiena bzajt inzid mal-piz li kelli. Meta Jacqueline harget tqila dan gara mhux ghax kien pjanat*

*jew ghax jien xtaqt it-tfal. Kien pjuttost zball minn-naha tieghi. Meta mbaghad Jacqueline korriet jiena kien iddispjacini ghal Jacqueline u ghal dak li kien gralha, izda kont konfuz ghaliex tfal bqajt ma ridthomx. Jien minn dan kollu ma ghidt xejn lil Jacqueline ghax kont inzomm kollox f'qalbi. Fuq tfal qatt ma tkellimmna qabel iz-zwieg. Nghid pero` illi anke qabel iz-zwieg ma kontx interessat li jkolli t-tfal u dana principalment minhabba l-piz li kelli fuq il-post. Minn dan kollu ma ghidt xejn lil Jacqueline."*

Illi dan kollu, kif ukoll l-atteggjament tal-konvenut versu l-attrici w anke z-zwieg, iwassal lill-Qorti sabiex taccetta li l-konvenut fil-fatt qatt ma kkonsidra li jkollu t-tfal mill-attrici la qabel u lanqas wara z-zwieg. Huwa ghamel li seta' wara z-zwieg biex ma jkollux tfal, u sahansitra temm ir-relazzjoni sesswali bejnithom. Mbaghad meta l-attrici harget tqila ghalih dan kien zball u ha pjacir meta tilfet it-tarbija. Apparti dan, il-konvenut igib l-iskuza li ma xtaqx tfal minhabba l-glied bejniethom u minhabba l-fatt li kien hemm xi indhil da parti tal-genituri ta' l-attrici. Il-fatt jibqa pero`, li l-konvenut essenzjalment ma riedx tfal u ghamel li seta` sabiex dan ma jsehhx.

Illi ghalhekk wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, l-Qorti hija tal-fehma li gie ippruvat li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, u cjoe`, l-element essenzjali tad-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied, u ghalhekk iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (f)**.

Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba ta' l-attrici ghandha tigi milqugha, u z-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Mejju 1992, fil-Knisja ta' San Gejtanu, Hamrun, ghandu jigi dikjarat null a bla effett.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu biss l-istess huma b'xi mod

inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti tat-23 ta’ Mejju 1992 fil-Knisja ta’ San Gejtanu, Hamrun hu null u bla effett u dan *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** filwaqt li l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat a bazi ta’ **l-artikolu 19 (1) (f) tal-istess Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------